MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 449/2008

***Fininvest Limited***

***Versus***

**Av. Anthony Cutajar u P.L. Veronica Rossignaud kuraturi deputati biex jidhru għall-werrieta mhux magħrufa tal-mejjet Joseph *sive* Ġużi Cosaitis**

Din hija *actio de communi dividundo*.

Is-soċjetà attriċi fissret illu hija għandha mitejn u sebgħa u tmenin sehem mhux maqsum minn mitejn u tmienja u tmenin ($^{287}/288$) tal-fondi numru erbgħin (40) u wieħed u erbgħin (41), Triq Sant'Antnin, tas-Sliema. Dawn l-ishma kienet kisbithom bis-saħħa ta' kuntratt tal-14 ta' Frar 2007 fl-atti tan-Nutar Fiona Zammit Armeni.

Joseph Cosaitis, li kellu s-sehem l-ieħor minn mitejn u tmienja u tmenin ($^{1}/288$) mill-istess proprjetajiet, miet fit-3 ta' Jannar 1979 fl-Ingilterra, u kellu tliet ulied: Maria Virginia Ketherine Carpenter u żewġ subien li, iżda, minkejja diversi tentativi biex jinstabu, baqgħu ma humiex

magħrufa, u għalhekk ma humiex magħrufa s-sidien illum tas-sehem li kellu Joseph Cosaitis.

Is-soċjetà attriċi u dawn is-sidien mhux magħrufa flimkien għandhom il-proprjetà kollha tal-fond fuq imsemmija, iżda s-soċjetà attriċi ma tridx li tibqa' fil-komunjoni tal-proprjetà u trid illi tinqasam. Billi iżda l-proprjetà ma tistax tinqasam skond l-ishma ta-sidien, huwa l-każ li tinbigħ b'liċitazzjoni u jinqasam il-prezz rikavat.

L-attriċi għalhekk, wara li talbet illi, jekk jista' jkun, il-proprjetà tinqasam skond l-ishma tal-partijiet u jiġi pubblikat il-kuntratt ta' qsim, kompliet talbet illi l-qorti tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjetajiet u illi l-prezz jinqasam bejn il-partijiet skond l-ishma tagħhom.

Is-sehem tas-sidien mhux magħrufa tant huwa żgħir illi ma jistax fiżikament jingħatalhom sehem maqsum mill-proprjetajiet daqs is-sehem tagħhom; għalhekk bilfors il-proprjetajiet ikollhom jinbigħu b'liċitazzjoni. Din kienet ukoll il-fehma tal-A.I.Ċ. Godwin Abela maħtur mill-qorti bħala espert tekniku.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tordna li jinbigħu b'liċitazzjoni l-fondi numru erbgħin (40) u wieħed u erbgħin (41), Triq Sant'Antnin, tas-Sliema u għal dan il-għan tadotta l-istima maħlufa mill-A.I.Ċ. Godwin Abela fid-29 ta' Mejju 2009. Tordna li l-bejgħ isir nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru 2009, mid-9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.* fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta.

L-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn il-partijiet skond is-sehem tagħhom fil-proprjetajiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------